# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ramona Brichni**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Ramona Brichni**, li għandha l-karta tal-identita bin-numri 518980M li permezz tagħha hija ġiet akkużata talli nhar l-24 t'April 2015 għall-ħabta ta' 18:33 f'dawn il-Gżejjer permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddedt lil Joslin Bonnici u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

B) kif ukoll permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bil-ħsieb li tieħu xi flus jew xi ħaġa oħra jew biex tagħmel xi gwadann jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil ħaddiħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, heddedt li takkuża jew li tagħmel ilment kontra jew biex timmalafama lil Joslin Bonnici u dan bi ksur tal-Artikolu 49(b) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

C) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamlet użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet;

Rat l-atti tal-kawża;

Semgħet il-provi prodotti;

Il-Qorti semgħet lill-imputata tammetti t-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tagħha.

Wara li spjegatilha bl-aktar mod solenni l-konsegwenzi illi jitnisslu mill-ammissjoni reġistrata minnha fis-sens li l-Qorti ser tgħaddi biex issibha ħatja u tagħti piena skont il-liġi, tagħatha żmien biżżejjed sabiex jekk trid terġa' lura minnha. Wara li ingħata ukoll il-possibilta li terga tikkonsulta mal-Avukat difensur tagħha, l-imputata wieġbet li hija kienet ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Li fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma għandhiex għażla għajr ħlief li ssib lil imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

## *Decide*

li stante li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet ma humiex legalment sostenibbli il-Qorti qegħda tilliberaha minnhom u tiddjaraha mhux ħatja tagħhom. Inoltre fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata għar-rigward tat-tielet imputazzjoni il-Qorti qegħda ssib lil Ramona Brichni ħatja tat-tielet imputazzjoni u tikkundannaha għal multa ta' mitt euro (€100) u wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Joslin Bonnici u l-familjari tagħha kif ukoll sabiex jiġi mħares il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku qegħda tqiegħed lill-ħatja taħt obbligazzjoni tagħha personali għal perjodu ta' sena millum taħt penali ta' elf euro (€1000).

***Mogħtija illum it-18 ta' Novembru 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***